# Hawn ġungla

Meta kulħadd jagħmel ta' rasu
ma jrid lil ħadd li jagħti kasu
Hawn ġungla.

Meta kulħadd jaħseb l'hu xandar
Ħalli lsienu jaħraq daqs in-nar
Hawn ġungla.

Meta jittrattawk fuq kif tidher
W togħla għax ixxammar l-imnieħer
Hawn ġungla.

Meta l-paċenzja wisq tispiċċa
Insiru bħall-murtali n-niċċa
Hawn ġungla.

Meta kollox isir biss għall-flus
Bla ebda rispett w jispara 'l fus
Hawn ġungla

Meta ‘l ħaddieħor niġġudikawh
U erħilna biss nikkundannawh
Hawn ġungla.

Jekk mingħalina nafu kollox
U nagħmlu kollox ħorrox borrox,
Hawn ġungla.

Meta nfittxu dak li jaqblilna
U ma rridux nagħmlu ħilitna
Hawn ġungla.

Meta ngħaffġu basta nakkwistaw
Addijo l-ħsieb li l’xi ħadd nistmaw
Hawn ġungla.

F’idejna hija d-deċiżjoni
Jekk ħajjitna issirx lezzjoni
... M’hawnx ġungla ....

Patri Mario Attard OFM Cap
2 t’April 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.